sem&u

Diċembru 2019
Ħarġa nru 13

*Is-Seminarju u Int*
Fuljett maħruġ tliet darbiet fis-sena mis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù,
Triq Enrico Mizzi, il-Belt Victoria, Għawdex | Tel. 2155 6479
Email: info@sacredheartseminary.org.mt | www.sacredheartseminary.org.mt

# Pass pass tul is-sena vokazzjonali

Kull wieħed huwa msejjaħ minn Alla biex jgħix il-kmandament tal-imħabba. Biex nagħmlu dan, Alla għal kull wieħed minna ħejja pjan uniku u speċifiku. Tul din is-sena vokazzjonali ser naqsmu magħkom punti li jistgħu jservu ta' għajnuna biex kull wieħed minna jiskopri l-vokazzjoni tiegħu, jieħu azzjoni dwarha u jilħaq il-milja tas-sejħa tiegħu.




## X'jgħidilna l-Papa Franġisku

Il-kelma "**vokazzjoni**" nistgħu nifhmuha f'sens wiesa', bħala s-**sejħa ta' Alla**. Tiġbor fiha s-sejħa għall-ħajja, is-sejħa għall-ħbiberija miegħu, is-**sejħa għall-qdusija**, u l-bqija. Dan għandu valur għoli, għax iqiegħed il-ħajja tagħna kollha quddiem dak **Alla li jħobbna** u jridna nifhmu li xejn ma hu frott il-kaos bla sens, imma bil-maqlub, kollox jista' jidħol f'mixja ta' tweġiba għall-Mulej, li **għandu pjan mill-isbaħ għalina**.

*Meħuda mill-Christus Vivit, ittra ta' Papa Franġisku ndirizzata liż-żgħażagħ*

## X'għandi nagħmel

- ☐ Insib mumenti biex noqgħod waħdi u fis-skiet biex nirrifletti
- ☐ Nieħu f'idejja l-Bibbja u nara kif qed ikellimni Alla permezz tagħha
- ☐ Ningħaqad ma' grupp biex flimkien inkomplu ninterpretaw it-tifsira vera dan it-tnebbiħ
- ☐ Nikkalma l-ansjetajiet u l-biżgħat tiegħi u nħares lejn ħajti għad-dawl ta' Alla

## Talba

Missier Qaddis, sejjaħ aktar ħaddiema fl-għalqa tiegħek. **Lil dawk li ssejjaħ, għinhom jisimgħu u jilqgħu l-istedina tiegħek.** Lil dawk li jilqgħu l-istedina tiegħek, agħtihom li jirbħu l-biża' u t-tfixkil li jiltaqgħu miegħu fit-triq. Lil dawk li jinsabu fit-triq, agħamilhom ħaddiema dejjem aktar qaddisa u ħabrieka għal Ibnek Ġesu'. Ammen.

## *Il-Komunità...*

**Tagħti merħba lis-Seminaristi l-ġodda:** Anthony Joe Borg (mill-Parroċċa tax-Xagħra) u Fabio Cini (mill-Parroċċa taż-Żebbuġ).

**Tirringrazzja** lilkom, il-benefatturi għall-għajnuna materjali u spiritwali tagħkom. Il-Mulej ipattilkom bil-mija fil-wieħed.

## Il-Viċinanza

F'dawn l-aħħar xhur, fil-laqgħat li kellu ma' diversi komunitajiet ta' Seminarji, il-Papa spiss tkellem fuq l-erba' viċinanzi li fihom għandu jikber is-seminarista: għandu jkun bniedem qrib ta' Alla, qrib tal-Isqof, qrib ta' ħutu s-seminaristi, u qrib tal-Poplu ta' Alla. Dan ifisser li fiż-żmien tiegħu fis-Seminarju, iż-żagħżugħ għandu jikber fil-ħajja tat-talb, fil-ħajja tal-istudju, fil-ħajja tal-komunjoni u fil-ħajja tal-esperjenza pastorali. Il-Knisja dan tistenna mis-Seminarju, minn dawk responsabbli minnu u minn dawk li qed jirriflettu fuq is-sejħa li l-Mulej għamlilhom.



L-istatwa ta' San Ġużepp meqjuma fil-Kappella tas-Seminarju *(G. Manzo, Lecce, bidu tas-seklu XX).*

Dan kollu jwassalna biex kontinwament nirriflettu fuq kif is-Seminarju tagħna jista' jkun post adattat li jgħin għas-sawrien ta' din il-viċinanza. Hu minħabba f'dan li ninvestu ħafna fil-formazzjoni umana bl-għan li s-seminarista jkun jista' jagħraf aktar lilu nnifsu u b'dak li hu fil-verità jiftaħ qalbu għall-grazzja ta' Alla li ssaffi, tbiddel, issaħħaħ u tqaddes. Inħoss li jekk dejjem kien importanti li s-saċerdot ikun il-bniedem tal-għaqda, fi żminijietna din hija kwalità li s-saċerdot ma jistax ma jkollux. Fi żminijiet immarkati dejjem aktar minn mentalità ta' kulħadd maqtugħ għalih u magħluq fih innifsu, f'ambjent imtaqqal minn ċerta sfiduċja fil-ħila tal-bniedem li jħobb u jegħleb il-ħażen ta' ġo fih, f'ċirkustanzi fejn il-kanali li suppost jgħaqqduna, bħalma huma s-social networks isiru arena ta' tgħajjir u insulti, f'sitwazzjoni ta' kriżi fit-tessut morali tas-soċjetà tagħna, huwa meħtieġ aktar minn qatt qabel li s-saċerdot ikun bniedem ankrat f'relazzjoni ħajja u personali ma' Alla, imwieżen mill-ubbidejnza u l-għaqda mal-Knisja fit-tagħlim u fid-direzzjoni li tagħti, imsaħħaħ minn fraternità ma' ħutu s-saċerdoti, u ffukat f'li jingħata f'isem Kristu lill-merħla afdata f'idejh. Din il-viċinanza tgħin biex is-saċerdot ma jitlifx l-identità tiegħu u lanqas jonqos mill-eżiġenzi tal-ministeru tiegħu fid-dinja tal-lum.

L-impenn mitlub mis-Seminarju u minn kull seminarista mhuwiex żgħir. Minħabba f'dan napprezzaw it-talb u s-sapport tagħkom għeżież benefatturi tagħna, li jgħinna sabiex minkejja l-limiti li għandna, inwieġbu għal dak li l-Mulej qed jitlob minn din id-Dar ta' formazzjoni llum. Din is-sena li fid-Djoċesi tagħna hija ddedikata lill-vokazzjonijiet hija okkażjoni sabiex bħala Seminarju aħna lkoll ikollna widnejn miftuħa għal dak l-Ispirtu s-Santu qed jitlob minna. Hija koinċidenza tal-Provvidenza li din is-sena taħbat ukoll ma' anniversarju partikulari li se niċċelebraw fl-2020 – dak tal-150 sena minn mindu l-Papa Beatu Piju IX iddikajra lil San Ġużepp Patrun tal-Knisja Universali. Fil-Kappella tas-Seminarju, fuq il-presbiterju, għandna statwa sabiħa ta' San Ġużepp iħaddan bi ħlewwa lit-tfajjel Ġesù. Din ix-xbieha tinsab dejjem quddiem għajnejna u nawgura li matul ix-xhur li ġejjin tkun tista' tispirana biex bħal Ġużeppi aħna nikbru dejjem aktar f'din il-viċinanza u ma nibżgħux inqumu biex nagħmlu dak li jordnalna l-Mulej permezz tal-messaġġiera tiegħu (cfr Mt 1:24).

Dun Richard-Nazzareno Farrugia
*Rettur*

# Mill-Għatba ’l Ġewwa...

Nhar it-Tnejn 23 ta’ Settembru l-komunità tas-Seminarju reġgħet lura fis-Seminarju wara l-vaganzi tas-Sajf, għal sena oħra ta’ formazzjoni. Mit-Tlieta 24 sas-Sibt 28 ta’ Settembru sar l-irtir tal-bidu tas-sena li tmexxa minn Dun Daniel Sultana.



It-Tnejn 30 ta’ Settembru tajna bidu għas-sena akkademika. Il-Ħamis 10 ta’ Ottubru, ir-Rettur Fr Richard N. Farrugia, qaddes il-quddiesa tal-Ispirtu s-Santu, tal-bidu tas-sena. Fil-bidu ta’ din is-sena ukoll, erġajna ilqajna lura fostna lis-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta’ Ġesù fejn flimkien mal-Madre Sr. Giuseppina, ingħaqdu wkoll żewġ sorijiet ġodda, Sr Maria u Sr Clemenzia.



Nhar l-Erbgħa 2 ta’ Ottubru, il-komunità tas-Seminarju ferħet għall-aħbar li l-Isqof ta’ Għawdex E.T. Mons. Mario Grech ġie maħtur bħala Pro-Sergretarju tas-Sinodu tal-Isqfijiet. Is-Sibt 12 ta’ Ottubru, l-Isqof Grech, ingħaqad mal-komunità tas-Seminarju, fejn flimkien iċċelebrajna l-quddiesa fejn wassal il-messaġġ tiegħu lis-seminaristi fil-bidu ta’ sena formattiva ġdida.



Tul il-Ġimgħa Missjunarja bħala komunità ċċelebrajna adorazzjoni b’tema missjunarja fuq stil ta’ Taize. Fiż-17 ta’ Ottubru saret laqgħa lill-istudenti kollha tal-iskola tas-Seminarju Minuri bit-tema “Mgħammda u mibgħuta,”liema tema għażilha l-Papa Franġisku f’dan ix-Xahar Missjunarju Straordinarju. Fit-23 ta’ Ottubru saret laqgħa ma’ Dun Alex Cauchi, fejn huwa qasam magħna x-xogħol li qed iwettaq f’Għawdex il-Moviment Ġesù fil-Proxxmu.



Nhar il-Ġimgħa 25 ta’ Ottubru, is-seminaristi organizzaw mument komunitarju li beda b’adorazzjoni fil-beraħ fl-Għar ta’ Mixta u wara morna għall-ikel.



Nhar it-Tnejn 4 ta’ Novembru 2019 ħabat il-153 anniversarju tat-twaqqif tas-Seminarju, fejn ġie mistieden l-E.T. Mons. Isqof Mario Grech bħala Vigarju Appostoliku tad-djoċesi t’Għawdex, għal quddiesa ta’ radd il-ħajr u wara qagħad għall-pranzu. Dakinhar ukoll sellimna lil Sr. Pierantonia Muscat u rringrazzjajniha tal-ħidma li wettqet fostna fis-Seminarju u tal-imħabba tagħha li dehret fl-impenn tagħha minkejja l-età.



Matul ix-xahar ta’ Novembru, “ix-Xahar tal-Qaddisin”, s-seminaristi kellhom serje ta’ laqgħat ta’ katekeżi dwar qaddisin u fundaturi ta’ ordnijiet mendikanti.

Nhar il-Ħamis 14 ta’ Novembru s-Seminarju laqa’ lill-grupp tal-kreżimandi tal-parroċċa ta’ San Ġorġ fejn fost l-oħrajn kien hemm mument ta’ talb u laqgħa dwar il-ħajja fis-Seminarju.

Nhar is-Sibt 16 ta Novembru saret l-ikla annwali ta’ San Martin.

Nhar Il-Ħadd 17 ta’ Novembru l-komunità tagħna ngħaqdet u ferħet mal-parroċċa ta’ San Lawrenz għall-għoti tal-ministeru tal-akkolitat lis-seminarista Andrew Grima fil-knisja parrokkjali ta’ San Lawrenz.



Nhar l-Erbgħa 20 ta’ Novembru l-komunità tas-Seminarju attendiet għal laqgħa formattiva bl-isem Changing Social Trends immexxija mis-Sur Mario G Vella.

Wara waqfa ta’ diversi snin, is-seminaristi taħt id-direzzjoni artistika ta’ Dun Joseph Bajada tellgħu dramm mifrux fuq tliet dati 24, 29 u 30 ta’ Novembru bl-isem ta’ Stejfen Jilħaqlu. Nirringrazzjaw lil kull min għinna b’xi mod jew ieħor biex ikun jista’ jittella’ dan id-dramm.









Nhar is-Sibt 30 ta’ Novembru l-komunità tas-Seminarju ċċelebrat it-tħabbira tal-Avvent bi preparazzjoni spiritwali għaż-żmien tal-Avvent.

Nhar is-Sibt 7 ta’ Diċembru is-Seminarju ospita wkoll lill-grupp tal-krezimandi mill-parroċċa tal-Katidral fejn qattgħu ftit ħin ġos-Seminarju. Dakinhar iċċelebrajna wkoll il-festa tal-Immakulata Kunċizzjoni, li għaliha hija ddedikata l-kappella tas-Seminarju, bil-kant tal-innu Akatistos.

Nhar il-Ħamis 12 ta’ Diċembru, bħala parti mill-ġimgħa ta’ talb għall-vokazzjonijiet organizzata fil-parroċċa taż-Żebbuġ, il-komunita tas-Seminarju ċċelebrat quddiesa u adorazzjoni fil-knisja parrokkjali taż-Żebbuġ.

Attivitajiet tal-Milied... fost dawn wieħed isemmi l-attività tal-abbatini, il-quddiesa fl-għar u t-tqassim tar-rigali. Il-Ġimgħa 20 ta’ Diċembru għalaqna b’quddiesa u festin tal-Milied flimkien mal-familjari tas-seminaristi. Is-seminaristi rritornaw lura s-Seminarju nhar it-Tnejn 6 ta’ Jannar 2020.

